

ANNEX II

Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet — Parti A

(L-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali

Kodiċijiet tal-pajjiż

Kull meta tirreferi għal Stat Membru waqt li timla din il-formola, jekk jogħġbok uża l-kodiċijiet tal-pajjiżi kif ġej:

AT L-Awstrija	EL Il-Greċja	IT L-Italja	PT Il-Portugall
BE Il-Belġju	ES Spanja	LT Il-Litwanja	RO Rumanija
BG Bulgarija	FI Il-Finlandja	LU Il-Lussemburgu	SE L-Iżvezja
CY Ċipru	FR Franza	LV Il-Latvja	SI Is-Slovenja
CZ Ir-Repubblika Ċeka	HR il-Kroazja	MT Malta	SK L-Islovakkja
DE Il-Ġermanja	HU L-Ungerija	NL L-Olanda	
EE L-Estonja	IE L-Irlanda	PL Il-Polonja	

N.B. Din il-parti tal-formola għandha tingħadda lill-bank(ek), lid-debitur u lill-kreditur.

Meta l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ("l-Ordni ta' Preservazzjoni") tikkonċerna kontijiet f'aktar minn bank wieħed, għandha timtela kopja separata ta' Parti A tal-Ordni ta' Preservazzjoni għal kull bank. F'dak il-każ u fil-kopji ta' Parti A tal-Ordni ta' Preservazzjoni li għandhom jingħataw lid-debitur u l-kreditur, id-dettalji tal-banek kollha kkonċernati għandhom jingħataw fit-taqsimha 5.

1. Qorti tal-orijini

1.1. Isem:

1.2. Indirizz

1.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

1.2.2. Post u kodiċi postali:

1.2.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

1.3. Telefown:

1.4. Fax:

1.5. Indirizz tal-posta elettronika:

2. Kreditur

2.1 Kunjom u l-isem/ismijiet tal-kumpanija jew tal-organizzazzjoni:

2.2. Indirizz

2.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

2.2.2. Post u kodiċi postali:

2.2.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2.3. Telefown (jekk disponibbli):

2.4. Faks (jekk disponibbli):

2.5. Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli):

2.6. Isem ir-rappreżentant tal-kreditur, jekk ikun hemm u jekk ikun magħruf, u d-dettalji fejn jista' jiġi kkuntattjat, jekk ikunu disponibbli

2.6.1. Kunjom u isem/ismijiet mogħti(ja):

2.6.2. Indirizz

2.6.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

2.6.2.2. Post u kodiċi postali:

2.6.2.3. Pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2.6.3. Indirizz tal-posta elettronika:

2.7. Jekk il-kreditur ikun persuna fiżika:

2.7.1. Data tat-twelid:

2.7.2. Numru ta' identifikazzjoni jew tal-passaport (jekk applikabbli u disponibbli):

2.8. Jekk il-kreditur ikun persuna ġuridika jew xi entità oħra li jkollha kapaċità ġuridika li tħarrek jew titħarrek skont il-liġi ta' Stat Membru:

2.8.1. Il-pajjiż ta' inkorporazzjoni, formazzjoni jew reġistrazzjoni (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

2.8.2. In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' reġistrazzjoni jew, fejn dak in-numru ma jeżistix, id-data u l-post tal-inkorporazzjoni, il-formazzjoni, jew ir-reġistrazzjoni tagħha:

3. Debitur

3.1. Kunjom u isem jew ismijiet (inklużi l-ismijiet tan-nofs jekk ikun hemm)/isem il-kumpanija jew l-organizzazzjoni:

3.2. Indirizz

3.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

3.2.2. Post u kodiċi postali:

3.2.3. Pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

3.3. Telefown (jekk disponibbli):

3.4. Faks (jekk disponibbli):

3.5. Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli):

3.6. Isem ir-rappreżentant tad-debitur, jekk ikun hemm u jekk ikun magħruf, u d-dettalji fejn jista' jiġi kkuntattjat, jekk ikunu disponibbli

3.6.1. Kunjom u isem/ismijiet mogħti(ja):

3.6.2. Indirizz

3.6.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

3.6.2.2. Post u kodiċi postali:

3.6.2.3. Pajjiż (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

3.6.3. Posta elettronika:

3.7. Jekk id-debitur ikun persuna fiżika, u jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli:

3.7.1. Data tat-twelid:

3.7.2. Numru tal-identifikazzjoni jew tal-passaport:

3.8. Jekk id-debitur ikun persuna ġuridika jew xi entità oħra li jkollha kapaċità ġuridika li tħarrek jew titħarrek skont il-liġi ta' Stat Membru, u jekk dik l-informazzjoni tkun disponibbli:

3.8.1. Il-pajjiż ta' inkorporazzjoni, formazzjoni jew reġistrazzjoni (jekk Stat Membru, jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

3.8.2. In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' reġistrazzjoni jew, fejn dak in-numru ma jeżistix, id-data u l-post tal-inkorporazzjoni, il-formazzjoni, jew ir-reġistrazzjoni tagħha:

4. Data u referenza tal-Ordni ta' Preservazzjoni

4.1. Data (jj/xx/ssss) tal-Ordni ta' Preservazzjoni:

4.2. Numru tal-fajl tal-Ordni ta' Preservazzjoni:

5. Kont(ijiet) bankarju/i li jridu jiġu preżervati⁽¹⁾

5.1. Isem tal-bank li huwa kkonċernat mill-Ordni ta' Preservazzjoni:

5.2. Indirizz tal-bank

5.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

5.2.2. Post u kodiċi postali:

5.2.3. Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika l-kodiċi tal-pajjiż):

5.3. In-numru/i tal-kont (jekk jogħġbok agħti n-numru IBAN, jekk disponibbli):

5.3.1. Ipprova l-kreditur in-numru tal-kont(ijiet) fir-rikors tiegħu?

Iva, ingħata(w) in-numru/i tal-kont(ijiet) li ġej(jin):

Le

5.3.1.1. Jekk il-kreditur ikun ipprova n-numru tal-kont(ijiet) fir-rikors tiegħu, għandhom jiġu ppreservati wkoll xi kontijiet oħra li għandu d-debitur mal-istess bank?

Iva

Le

5.3.2. In-numru tal-kont inkiseb permezz ta' talba skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 u dan jista' jinkiseb, jekk meħtieġ, mingħand l-awtorità tal-informazzjoni fl-Istat Membru fejn isir il-infurzar skont l-Artikolu 24(4)(a) tal-istess Regolament?

Iva. Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-informazzjoni huma kif ġej:

Le

6. Ammont li għandu jiġi preservat

6.1. Ammont totali li għandu jiġi ppreservat:

6.2. Munita:

Euro (EUR)

Kuna Kroata (HRK)

Leu Rumun (RON)

Lev Bulgaru (BGN)

Forint Ungeriż(HUF)

Krona Svediża (SEK)

Koruna Ċeka (CZK)

Zloty Pollakka (PLN)

Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

Il-bank imsemmi fit-taqsimha 5 hawn fuq huwa b'dan ordnat li jimplimenta l-Ordni ta' Preservazzjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014.

Il-verżjoni elettronika tal-formola li għandha tintuża għad-dikjarazzjoni li tirrigwarda l-preservazzjoni ta' fondi li għandha tinħareġ wara l-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni (l-Artikolu 25 tar-Regolament) hija disponibbli fuq is-sit web tal-Portal tal-e-Ġustizzja fl-indirizz https://e-justice.europa.eu/content_european_account_preservation_order... u tista' wkoll timtela onlajn. F'dik il-formula hemm aktar linji gwida dwar id-dikjarazzjoni rigward il-preservazzjoni tal-fondi.

(Jekk jogħġbok imla jekk applikabbli) **Jekk mitlub mid-debitur u jekk permess mil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, u jekk ma jkunx hemm ordnijiet kunfliġġenti fir-rigward tal-kont ikkonċernat (l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014), il-bank huwa b'dan awtorizzat li jirrilaxxa fondi ppreservati u li jittrasferixxi dawk il-fondi sal-ammont speċifikat fit-taqsimha 6 hawn fuq lejn il-kont li ġej kif indikat mill-kreditur:**

Magħmul fi:

Data:(jj/xx/ssss)

Timbru, firma u/jew kwalunkwe awtentikazzjoni oħra tal-qorti:

(L-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad- dejn f' materji ċivili u kummerċjali

N.B. Din il-Parti B tal-formola ma għandhiex tiġi trasmessa lill-bank jew lill-banek. Għandha biss tiġi mehmuża mal-verżjoni tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (“l-Ordni ta’ Preservazzjoni”) li tintbagħat lid-debitur u lill-kreditur. Għandha timtela kopja waħda biss tal-Parti B, irrispettivament mill-għadd ta’ banek.

7. Deskrizzjoni tas-suġġett tal-każ u l-motivazzjoni tal-qorti għall-ħruġ tal-Ordni ta’ Preservazzjoni:

8. Dettalji dwar l-ammont li għandu jiġi ppreservat (supplimentari mat-taqsimha 6 tal-Parti A tal-Ordni ta’ Preservazzjoni)

8.1. Ammont totali li jrid jiġi ppreservat:

8.1.1. Ammont prinċipali:

8.1.2. Imgħaxxijiet:

8.1.3. L-ispejjeż għall-għoti ta’ sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew strument awtentiku, jekk dawk l-ispejjeż għandhom jiġġarbu mid-debitur (l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014):

8.2. Munita:

Euro (EUR)	Kuna Kroata (HRK)	Leu Rumen (RON)
Lev Bulgaru (BGN)	Forint Ungeriż(HUF)	Krona Svediża (SEK)
Koruna Ċeka (CZK)	Zloty Pollakka (PLN)	Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

9. Il-garanzija li tingħata mill-kreditur

9.1. Żil-kreditur intalab mill-qorti biex jagħti garanzija?

Iva. Jekk jogħġbok speċifika l-ammont u ddeskrivi l-garanzija mogħtija mill-kreditur:

Munita:

Euro (EUR)	Kuna Kroata (HRK)	Leu Rumen (RON)
Lev Bulgaru (BGN)	Forint Ungeriż(HUF)	Krona Svediża (SEK)
Koruna Ċeka (CZK)	Zloty Pollakka (PLN)	Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

Le. Jekk l-Ordni ta’ Preservazzjoni ma tingħatax abbażi ta’ sentenza, transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti, jew strument awtentiku, jekk jogħġbok għati r-raġunijiet għaliex il-kreditur kien eżentat milli jagħti garanzija:

10. Il-bidu ta’ proċedimenti dwar il-mertu tal-kwistjoni

Il-kreditur applika għal Ordni ta’ Preservazzjoni qabel ma beda proċedimenti dwar il-mertu tal-kwistjoni.

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, l-Ordni ta’ Preservazzjoni titħassar jew titwaqqaf, sakemm il-kreditur ma jibdiex proċedimenti dwar il-mertu tal-kwistjoni u ma jagħtix prova lil din il-qorti li dawk il proċedimenti nbdew sa

(dd/mm/yyyy)

Fuq talba tad-debitur, id-data ta' skadenza tista' tiġi estiża mill-qorti, pereżempju, sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jsolvu l-pretensjoni bejniethom.

11. Traduzzjonijiet (jekk jogħġbok imla' jekk applikabbli)

Jekk jogħġbok elenka d-dokumenti li l-kreditur ippreżenta lill-qorti biex jikseb l-Ordni ta' Preservazzjoni li jeħtieġ li jkun akkumpanjati minn traduzzjoni jew translitterazzjoni skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 meta jiġu nnotifikati lid-debitur:

12. Spejjeż (*)

12.1. Id-debitur għandu jġarrab l-ispejjeż li ġejjin tal-proċedimenti marbuta mal-kisba tal-Ordni tal-Preservazzjoni:

Munita:

Euro (EUR)

Kuna Kroata (HRK)

Leu Rumun (RON)

Lev Bulgaru (BGN)

Forint Ungeriż(HUF)

Krona Svediża (SEK)

Koruna Ċeka (CZK)

Zloty Pollakka (PLN)

Oħrajn (speċifika (kodiċi ISO)):

13. Informazzjoni importanti għall-kreditur

13.1. Skont il-liġi tal-qorti li toħroġ l-ordni, il-kreditur huwa responsabbli li:

jibda l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni;

jittrażmetti l-Ordni ta' Preservazzjoni (il-Parti A) u formola standard vojta għad-dikjarazzjoni li tirrigwarda l-preservazzjoni ta' fondi skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni skont l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament;

jinnotifika lid-debitur skont l-Artikolu 28(2), (3) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014.

14. Informazzjoni importanti għad-debitur

Jekk taħseb li din l-Ordni ta' Preservazzjoni jew l-eżekuzzjoni tagħha mhix ġustifikata, għandek diversi rimedji disponibbli (ara l-lista f'punti 14.1-14.5). L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li l-formola li għandha tintuża biex tapplika għal rimedju hija disponibbli fi 23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fuq is-sit web tal- [Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja](#) u li tista' wkoll timtela onlajn. F'dik il-forma ssib aktar linji gwida dwar ir- rimedji.

L-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li skont l-Artikolu 38(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, għandek dritt tapplika għar-rilaxx tal-fondi ppreservati jekk tippovdi garanzija alternattiva adatta (pereżempju, fil-forma ta' depożitu ta' garanzija, garanzija bankarja jew ipoteka). Skont l-Artikolu 38(1)(b) ta' dak ir- Regolament, għandek ukoll id-dritt li tapplika għat-terminazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni, jekk tippovdi garanzija alternattiva adatta.

L-attenzjoni tiegħek tinġibed ukoll lejn il-fatt li skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 meta tippreżenta rikors lill-qorti tal-Istat Membru li fih tkun inħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni, id-deċiżjoni dwar il-garanzija li għandha tingħata mill-kreditur skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament tkun tista' tiġi rieżaminata fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet jew ir- rekwiżiti ta' dak l-Artikolu ma jkunux ġew sodisfatti.

14.1. Tista' tirrikorri quddiem **il-qorti kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun inħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni** sabiex l-Ordni ta' Preservazzjoni tkun revokata jew modifikata jekk tqis li:

— il-kundizzjonijiet jew ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Ordni ta' Preservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 655/2014 ma jkunux ġew rispettati (Artikolu 33(1)(a)).

14.2. Tista' tirrikorri quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun inħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni sabiex l-Ordni ta' Preservazzjoni tkun revokata jew modifikata jew tista' tirrikorri quddiem il-qorti kompetenti jew, fejn previst mil-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti tal-eżekuzzjoni fl-Istat Membru fejn jinsab il-kont bankarju ppreservat biex l-eżekuzzjoni tal-

Ordni ta' Preservazzjoni titwaqqaf jekk tqis li japplikaw kwalunkwe miċ-ċirkostanzi li ġejjin (Artikoli 33 u 34 tar-Regolament Nru (UE) Nru 655/2014):

- ma tkunx ġejt notifikat bl-Ordni ta' Preservazzjoni, id-dikjarazzjoni li tirrigwarda l-preservazzjoni ta' fondi skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 u/jew id-dokumenti l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 28(5) ta' dak ir-Regolament fi żmien 14-il jum mill-preservazzjoni tal-kont jew kontijiet tiegħek;
- id-dokumenti notifikati lilek f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti lingwistiċi stipulati fl-Artikolu 49(1) ta' dak ir-Regolament;
- l-ammonti preservati li jeċċedu l-ammont tal-Ordni ta' Preservazzjoni ma kinux ġew rilaxxati f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014;
- il-pretensjoni li l-kreditur kien qiegħed iftitiex li jinforza permezz tal-Ordni ta' Preservazzjoni tħallset kollha jew parzjalment;
- il-pretensjoni li l-kreditur kien qiegħed iftittex li jinforza permezz tal-Ordni ta' Preservazzjoni nċaħdet permezz ta' sentenza dwar il-mertu tal-kwistjoni t;
- is-sentenza dwar il-mertu tal-kwistjoni, jew it-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku, li l-kreditur kien qiegħed jipprova jikseb permezz tal-Ordni ta' Preservazzjoni, tkun twarrbet jew ġiet annullata.

14.3. Tista' tapplika quddiem **il-qorti li tkun ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni** biex dik l-ordni tiġi revokata jew modifikata jekk inti tkun tqis li ċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom l-Ordni ta' Preservazzjoni tkun nħarġet ikunu nbidlu (l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

14.4. Tista' tirrikorri quddiem il-qorti kompetenti jew, fejn ikun previst mil-liġi nazzjonali, lill-awtorità kompetenti tal-eżekuzzjoni fl-Istat Membru fejn il-kont tal-bank tiegħek ikun ġie ppreservat biex l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni tiġi limitata jew imwaqqfa jekk tqis li japplikaw kwalunkwe miċ-ċirkostanzi li ġejjin (l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014):

- l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni għandha tkun limitata minħabba li ċerti ammonti miżmuma fil-kont tiegħek li ġie ppreservat għandhom ikunu eżentati mill-konfiska skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, jew li ammonti eżentati mill-konfiska ma tqiesu jew ma jkunu tqiesu b'mod korrett fl-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni skont l-Artikolu 31(2) ta' dak ir-Regolament;
- l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni għandha tiġi tterminata għaliex il-kont ippreservat ikun ġie eskluż mill-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 655/2014;
- l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni għandha tiġi tterminata għaliex l-eżekuzzjoni tas-sentenza, ir-transazzjoni ġudizzjarja permezz tal-qorti jew l-istrument awtentiku, li l-kreditur kien qiegħed iftittex li jinforza permezz tal-Ordni ta' Preservazzjoni tkun ġiet miċħuda fl-Istat Membri tal-eżekuzzjoni;
- l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni għandha tiġi tterminata għaliex il-possibbiltà ta' eżekuzzjoni tas-sentenza, li l-kreditur kien qiegħed iftittex li jinforza permezz tal-Ordni ta' Preservazzjoni, ġiet sospiża fl-Istat Membru fejn tkun inħarġet is-sentenza;
- l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni għandha tiġi tterminata għar-raġuni li tkun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni (l-attenzjoni tiegħek tinġibed lejn il-fatt li inti tista' titlob dan ir-rimedju quddiem il-qorti biss).

14.5. Tista' tippreżenta rikors konġunt mal-kreditur quddiem **il-qorti li tkun ħarġet l-Ordni tal-Preservazzjoni** fejn titlob li tkun revokata jew modifikata l-Ordni ta' Preservazzjoni jew quddiem **il-qorti kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni jew, fejn previst mil-liġi nazzjonali, quddiem l-awtorità kompetenti tal-eżekuzzjoni f'dak l-Istat Membru**, sabiex l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni tiġi limitata jew terminata, jekk tkun ilħaqt riżoluzzjoni bonarja mal-kreditur (l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

Magħmul fi:

Data:(jj/xx/ssss)

Firma u/jew timbru:

⁽¹⁾ Meta l-Ordni ta' Preservazzjoni tkun tikkonċerna kontijiet f'aktar minn bank wieħed, jekk jogħġbok agħti f'din it-taqsimha, fil-Parti A tal-Ordni ta' Preservazzjoni li għandha tingħata lid-debitur u lill-kreditur, id-dettalji tal-banek kollha kkonċernati. Meta tkun qed timla l-formola fuq il-karta, jekk jogħġbok uża folji separati u innumera kull paġna.

⁽⁴⁾ Fakultattiv